IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2015
COM(2015) 135 final

2015/0068 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

{SWD(2015) 60 final}

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Kuntest Ġenerali

Tradizzjonalment, in-negozji dejjem qiesu l-ippjanar tat-taxxa bħala xi ħaġa leġittima minħabba li huma jużaw arranġamenti legali biex inaqqsu l-obbligazzjonijiet tat-taxxa tagħhom. Madankollu, l-ippjanar tat-taxxa sar aktar elaborat fis-snin riċenti. Huwa fenomenu li qed jiżviluppa madwar il-ġurisdizzjonijiet u qed ixaqleb il-profitti taxxabbli lejn stati li għandhom reġimi tat-taxxa aktar benefiċjali. Din il-forma ta' ippjanar "aggressiv" tat-taxxa tista’ tieħu diversi forom, pereżempju billi wieħed jieħu vantaġġ tat-teknikalitajiet ta’ sistema fiskali jew tad-diskrepanzi bejn żewġ sistemi fiskali jew aktar bl-iskop li jnaqqas jew jevita l-obbligazzjonijiet tat-taxxa. Il-konsegwenzi tagħha jinkludu t-tnaqqis doppju (eż. l-istess spiża tiġi mnaqqsa kemm fl-Istat ta’ oriġini u kif ukoll fl-Istat ta’ residenza) u n-nontassazzjoni doppja (eż. dħul li mhuwiex intaxxat la fl-Istat ta' oriġini u lanqas fl-Istat ta’ residenza tal-benefiċjarju)[1]. F'ħafna mill-każijiet, prattiki bħal dawn huma megħjuna b'deċiżjonijiet maħruġa mill-amministrazzjonijiet nazzjonali, fejn kumpanija tingħata konferma dwar kif tranżazzjoni speċifika se tkun intaxxata skont il-leġiżlazzjoni eżistenti u minħabba f'hekk l-istruttura stabbilita tingħata ċertezza legali. Minkejja li l-Istati Membri huma obbligati li jiżguraw li huma joħorġu deċiżjonijiet tat-taxxa f’konformità mal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali eżistenti, nuqqas ta’ trasparenza rigward sentenzi bħal dawn jista’ jkollha impatt fuq pajjiżi oħra li jkollhom rabtiet mal-benefiċjarji tad-deċiżjonijiet.

L-evitar tat-taxxa, kif ukoll il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa għandhom dimensjoni transfruntiera importanti. Il-globalizzazzjoni u l-mobbiltà dejjem tikber tal-kontribwenti joħolqu problemi għall-Istati Membri biex dawn jivvalutaw il-bażijiet tat-taxxa kif suppost. Dan il-fenomenu jista’ jaffettwa it-tħaddim tas-sistemi tat-taxxa u jinvolvi l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u b’hekk jipperikola t-tħaddim tas-Suq Intern.

Għalhekk l-Istati Membri jistgħu biss jindirizzaw din il-problema b’mod effettiv jekk jaqblu bejniethom biex jieħdu azzjoni komuni. Minħabba f'hekk, it-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri huwa l-objettiv ewlieni tal-istrateġija tal-Kummissjoni.

Id-Direttiva tal-Kunsill2011/16/UE ġiet adottata biex tissotitwixxi Direttiva preċedenti li kienet titratta l-assistenza bejn l-Istati Membri (id-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE), bħala reazzjoni għall-bżonn tal-Istati Membri li jtejbu l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni.

L-iskop tal-proposta preżenti huwa li jiġi żgurat li d-Direttiva 2011/16/UE tipprevedi għal kooperazzjoni amministrattiva komprensiva u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa billi tipprevedi għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta’ informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u mal-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet, tip partikolari ta’ deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri użati fil-qasam ta' prezzar ta' trasferiment. Strutturi xprunati mit-taxxa li jwasslu għal-livell baxx ta’ tassazzjoni ta’ dħul fl-Istat Membru fejn tinħareġ id-deċiżjoni jistgħu iħallu biss ammonti żgħar ta’ dħul li jridu jiġu ntaxxati fi Stati Membri oħra involuti u b’hekk jitnaqqru l-bażijiet tat-taxxa tagħhom.

Il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jiskambjaw awtomatikament informazzjoni bażika dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet mal-Istati Membri l-oħra kollha. Il-prinċipju bażiku huwa li l-Istati Membri l-oħra qegħdin

[1] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 6.12.2012 dwar l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

f'pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw l-impatt potenzjali u r-rilevanza ta' deċiżjonijiet bħal dawn, aktar milli l-Istat Membru li jkun qed joħroġ id-deċiżjoni. F'ċertu każijiet l-Istati Membri li jirċievu l-informazzjoni jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri aktar dettaljata.

Il-proposta ġiet speċifikament imfassla biex tippermetti l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet li jibnu fuq ir-regoli eżistenti fid-Direttiva 2011/16/UE dwar l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni, inkluż l-użu ta' formoli standard. Hija konformi wkoll mal-iżviluppi internazzjonali fil-livell tal-OECD u l-ħidma tiegħu dwar il-BEPS.

Matul l-2012, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta għat-Tassazzjoni tal-Intrapriżi[2] irreveda l-iżviluppi fil-proċeduri tal-Istati Membri dwar id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa. Il-Grupp identifika t-tipi ta' deċiżjonijiet transfruntiera li dwarhom għandha tiġi skambjata informazzjoni spontanjament u rrakkomanda l-iżvilupp ta' "Mudell ta' Istruzzjoni" li jista' jintuża bħala referenza mill-Istati Membri għal applikazzjoni interna[3]. Il-Mudell ta' Istruzzjoni speċifika li informazzjoni dwar sentenzi transfruntiera għandha tintbagħat spontanjament f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/16/UE, bl-użu ta' forom elettroniċi standard, permezz ta' mezzi elettroniċi previsti fid-Direttiva, mhux aktar tard minn xahar wara li tinħareġ id-deċiżjoni f'konformità mad-data ta' skadenza fl-Artikolu 10 tad-Direttiva. Dan kien jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jiżguraw mezzi ta' komunikazzjoni xierqa dwar dan is-suġġett bejn l-Istati Membri u kwalità tajba ta' taħriġ u gwida għal dawk li joħorġu d-deċiżjonijiet. Huwa pprovda wkoll gwida dwar il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tingħata b'mod spontanju. Madankollu, dan il-Mudell ta' Istruzzjoni mhuwiex legalment vinkolanti. Fil-prattika, ftit li xejn hemm skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar id-deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem jew l-arranġamenti ta' prezzar ta' trasferimenti tagħhom anki fejn dawn għandhom impatt fuq pajjiżi oħrajn.

Għalhekk jidher li fi ħdan l-UE huwa meħtieġ approċċ aktar sistematiku u vinkolanti għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet sabiex jiġi żgurat li, fejn Stat Membru wieħed joħroġ deċiżjoni bil-quddiem tat-taxxa jew arranġament ta' ipprezzar ta' trasferiment, kull Stat Membru ieħor milqut ikun f'pożizzjoni li jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa korrispondenti.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tagħmel din il-proposta għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet transfruntiera fis-16 ta' Diċembru 2014 u dan huwa rifless fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2015[4].

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjonijiet fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u tar-Rakkomandazzjonijiet (COM (2012) 722) u fora oħra

Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fil-21 ta' Mejju 2013,[5] fejn laqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu, ħeġġeġ lill-Istati Membri biex isegwu l-impenji tagħhom u jilqgħu l-pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u enfasizza li l-UE għandu jkollha rwol ta' tmexxija fid-diskussjonijiet globali dwar il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-

2 ĠU C 98/C 2/01.
3 Dokument 10903/12 FISC 77
4 http://ec.europa.eu/priorities/work-programme/index_en.htm
5 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, u r-rifuġji fiskali (Rapport Kleva) – 2013/2025 (INI).

evitar tat-taxxa u r-rifuġji tat-taxxa u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fl-17 ta' April 2013[6]. Il-Kumitat appoġġa l-pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u appoġġa l-isforzi tagħha biex issib soluzzjonijiet prattiċi immirati lejn it-tnaqqis tal-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa.

Matul dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri ħadmu fil-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet transfruntiera u fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment. Il-konklużjonijiet tal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta ġew ikkomunikati lill-Kunsill fuq bażi regolari fil-forma ta' rapporti[7].

2.2. Stati Membri

Din id-Direttiva hija bbażata fuq il-Mudell ta' Istruzzjoni li dwaru ntlaħaq ftehim fost l-Istati Membri fl-2014 u għalhekk tirrifletti l-ħidma li diġà saret mid-delegati tal-Istati Membri f'diversi fora Ewropej. L-Istati Membri ilhom jiddiskutu l-prinċipju ta' skambju ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet tat-taxxa għal xi żmien; madankollu s'issa dan kien għadu ma wassalx għal qafas effettiv għal dan it-tip ta' skambju.

2.3. Sussidjarjetà u Proporzjonalità

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipji tas-Sussidjarjetà u tal-Proporzjonalità kif inhuma stipulati fl-Artikolu 5, il-Paragrafi 3 u 4, rispettivament, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 115 TFUE jipprevedi għall-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' dan it-tip tal-Istati Membri li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew it-tħaddim tas-suq intern u għalhekk l-approssimazzjoni tal-liġijiet hija meħtieġa.

L-għan li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom biżżejjed informazzjoni dwar CBRs bil-quddiem u APAs ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti permezz ta' azzjoni mhux ikkoordinata implimentata minn kull Stat Membru individwalment. Għalhekk, l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet li potenzjalment jaffettwaw il-bażijiet fiskali ta' aktar minn Stat Membru wieħed jeħtieġ approċċ komuni u obbligatorju. Barra minn hekk, l-element transfruntiera huwa inerenti fl-azzjoni proposta. Informazzjoni effettiva dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntiera u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet tista' tinkiseb biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Filwaqt li nistgħu ngħidu li l-Mudell ta' qed itejjeb is-sitwazzjoni, bażi leġislattiva hija meqjusa bħala aktar effettiva. Barra minn hekk, żgura li se jibqa' xi nuqqas ta' trasparenza sakemm l-Istat Membru emittenti jkun dak li jrid jivvaluta, abbażi tal-qafas legali tiegħu stess, ir-rilevanza ta' deċiżjoni partikolari għall-Istati Membri l-oħra. Il-kontribwenti jistgħu jieħdu vantaġġ min-nuqqas ta' regoli komuni għall-iskambju ta' informazzjoni biex jistabbilixxu strutturi li jxaqilbu l-profitti lejn pajjiżi b'taxxa baxxa, li mhux bilfors ikunu l-pajjiżi fejn jitwettqu l-attivitajiet ekonomiċi li jiġġeneraw il-profitti u fejn jinħoloq il-valur. [8] Minħabba li d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa huma ta' spiss mogħtija għal strutturi transfruntiera, l-Istati Membri jiddependu minn xulxin biex ikollhom l-informazzjoni kollha. Għalhekk għal kuntrarju tal-Istati Membri li jaħdmu għal rashom, kieku l-Istati Membri jaħdmu flimkien

[6] Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa COM(2012) 722 finali (Rapport Dandea) — CESE 101/2013.

[7] Ir-rapporti pubbliċi mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) huma aċċessibbli hawnhekk.

[8] Kif eżaminat fil-proġett BEPS tal-OECD

huma se jkunu qegħdin f’pożizzjoni aħjar biex tkun żgurata l-effettività u l-kompletezza tas-sistema ta’ skambju ta’ informazzjoni fuq id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa. Approċċ armonizzat tal-UE jkun aktar effettiv biex jiggarantixxi t-trasparenza tat-taxxa u l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa.

Il-problema speċifika identifikata bħala l-oġġett ta’ reazzjoni politika hija n-nuqqas ta’ trasparenza fid-deċiżjonijiet dwar it-taxxa b’rilevanza transfruntiera, li għandha effetti negattivi, notevolment fuq it-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern. Ir-reazzjoni politika hija limitata għall-indirizzar ta' deċiżjonijiet b’element transfruntiera. Din tikkonsisti f’approċċ b'żewġ fażijiet skont liema sett bażiku ta’ informazzjoni kif definit f’din id-Direttiva għandu jiġi pprovdut għall-Istati Membri kollha tal-UE. L-informazzjoni li trid tiġi kondiviża għandha toħloq bilanċ bejn, minn naħa waħda, li tkun konċiża kemm jista' jkun, u min-naħa l-oħra li tipprovdi biżżejjed informazzjoni biex l-Istat Membru li jkun qed jirċeviha jiġġudika jekk għandhux jitlob aktar informazzjoni. Fit-tieni pass, dawk l-Istati Membri li jkunu jistgħu juru li l-informazzjoni hija prevedibbilment rilevanti għalihom jistgħu jitolbu aktar informazzjoni dettaljata skont id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva. B’hekk, il-proposta tirrappreżenta l-iżjed risposta proporzjonata għall-problema identifikata għax tillimita ruħha għal deċiżjonijiet antiċipati dwar it-taxxa u arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet b'element transfruntiera. Hija bbażata wkoll fuq l-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni bażika maħsuba biex tippermetti lil kull Stat Membru biex jiddetermina jekk għandux jitlob informazzjoni ulterjuri aktar dettaljata. Minħabba f'hekk l-emendi proposti ma jeċċedux dak li huwa verament meħtieġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet involuti u, biex b'hekk jinkisbu l-għanijiet tat-Trattati ta’ tħaddim tajjeb u effettiv tas-Suq Intern.

2.4. Dokument ta' Ħidma tal-Persunal

Id-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta, jevalwa l-għażliet ta’ politika abbażi tal-kriterji tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza u l-impatti soċjali u tad-drittijiet fundamentali. B'appoġġ għall-għażla ta' politika tagħha l-Kummissjoni ħejjiet analiżi tal-għażliet.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-għan ta’ din il-proposta huwa li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntiera u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet tiġi skambjata b’mod awtomatiku bejn l-Istati Membri meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8a ġdid huma ssodisfati.

Għal dan l-għan, il-proposta timmodifika d-Direttiva 2011/16/UE kif emendata bid- Direttiva 2014/107/UE[9] billi tintroduċi rekwiżit speċifiku għall-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntiera u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet.

B’mod partikolari, l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva proposta iddaħħal artikolu ġdid, l-Artikolu 8a, fid-Direttiva eżistenti, li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-kondizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta’ informazzjoni fuq it-tipi ta’ deċiżjonijiet dwar it-taxxa u l-arranġamenti tal-ipprezzar ta' trasferiment kif definit fid-Direttiva proposta, li ddaħħlu permezz tal- Artikolu 1(1) tal-proposta. L-Artikolu 8a(1) jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru għandhom, permezz ta’ skambju awtomatiku, jikkomunikaw informazzjoni dwar deċiżjonijiet tat-taxxa stabbiliti li huma joħorġu jew jemendaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha. Dan l-obbligu huwa estiż għal deċiżjonijiet li nħarġu matul l-għaxar snin qabel id-data li fiha d-Direttiva proposta tidħol fis-seħħ u li jkunu għadhom validi fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (l-Artikolu 8a(2)).

---

9 ĠU L 359 tas-16 ta' Diċembru 2014.

L-Artikolu 1(6) tad-Direttiva proposta jippermetti li possibilment il-Kummissjoni toħloq direttorju ċentrali sigur dwar l-informazzjoni kkomunikata fil-qafas ta' din il-proposta. Dan ir-reġistru ċentrali kieku jiffaċilita kemm l-iskambju ta' informazzjoni u kif ukoll jappoġġa lill-Istati Membri f'xogħolhom meta huma jistudjaw u jirreaġixxu għad-deċiżjonijiet skambjati bejn l-Istati Membri.

Id-Direttiva proposta taġġorna wkoll ir-regoli fid-Direttiva tal-2011 dwar l-għoti ta' feedback, l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva biex testendihom għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet.

Is-suġġett ta' dawn il-modifiki għandu l-istess bażi legali bħad-Direttiva 2011/16/UE, jiġifieri l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li għandha l-għan li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-impatt tal-proposta fuq il-baġit tal-UE hija ppreżentata fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta, u se jiġi ssodisfat fi ħdan ir-riżorsi disponibbli. L-ispejjeż addizzjonali ta' għodod tal-IT u l-possibiltà li l-Kummissjoni tista' tiżviluppa direttorju ċentrali fil-futur biex tiffaċilita l-komunikazzjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll biex tipprevedi għall-ħażna tiegħu se jiġu ffinanzjati mill-programm FISCALIS 2020 previst fir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 li jipprovdi appoġġ finanzjarju għal attivitajiet biex titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa fl-UE.

2015/0068 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[10],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[12],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) L-isfida ppreżentata mill-evitar tat-taxxa, ippjanar aggressiv tat-taxxa, u kompetizzjoni dannuża ta' taxxa transfruntiera żdiedet konsiderevolment u saret punt fokali ta' tħassib fl-Unjoni u fil-livell globali. It-tnaqqir tal-bażijiet tat-taxxa qiegħed inaqqas id-dħul nazzjonali mit-taxxi b'mod konsiderevoli, u dan ifixkel lill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' politiki fiskali li jgħinu t-tkabbir. B'mod partikolari, id-deċiżjonijiet dwar l-istrutturi xprunati mit-taxxa jwasslu għal livell baxx ta' tassazzjoni ta' ammonti għoljin b'mod artifiċjali ta' dħul fil-pajjiż li jagħti d-deċiżjoni antiċipata u jistgħu jħallu ammonti baxxi b'mod artifiċjali ta' dħul biex jiġu ntaxxati f'xi pajjiżi oħra involuti. Għalhekk, hija meħtieġa żieda fit-trasparenza b'mod urġenti. Sabiex jinkiseb dan, jeħtieġ li jissaħħu l-għodod u l-mekkaniżmi stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE[13] .

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa urġenti biex isir progress fl-isforzi fil-għlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, kemm fil-livell globali u kif ukoll f'dak tal-Unjoni. Filwaqt li enfasizza l-importanza tat-trasparenza, il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet tat-taxxa fl-Unjoni.

[10] ĠU C , , p. .
[11] ĠU C , , p. .
[12] ĠU C , , p. .
[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

(3) Id-Direttiva 2011/16/UE tipprovdi għal skambju spontanju u obbligatorju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri f’ħames każijiet speċifiċi u fi ħdan ċerti limiti ta’ żmien. L-iskambju spontanju ta’ informazzjoni f’każijiet fejn l-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru wieħed ikollha raġunijiet biex taħseb li jista’ jkun hemm telf ta’ taxxa fi Stat Membru ieħor diġà japplika għal deċiżjonijiet tat-taxxa li Stat Membru jagħti lil kontribwent speċifiku f'dak li għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet tat-taxxa fil-futur u li għandhom dimensjoni transfruntiera.

(4) Madankollu, l-iskambju effiċjenti u spontanju ta’ informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u mal-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet huwa mxekkel minn diversi diffikultajiet prattiċi u importanti bħad-diskrezzjoni permessa lill-Istat Membru emittenti li jiddeċiedi liema mill-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu infurmati.

(5) Il-possibbiltà li l-għoti ta’ informazzjoni tista’ tiġi rrifjutata jekk din tkun se tirriżulta fl-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta’ proċess kummerċjali, jew ta’ informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-politika pubblika m’għandux japplika għad-dispożizzjonijiet ta’ skambju awtomatiku obbligatorju ta’ informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet sabiex ma tonqosx l-effettività ta’ dawn l-iskambji. In-natura limitata tal-informazzjoni li hemm bżonn li tiġi kondiviża mal-Istati Membri kollha għandha tiżgura protezzjoni suffiċjenti ta’ dawk l-interessi kummerċjali.

(6) Sabiex jinkisbu l-benefiċċji tal-iskambju awtomatiku obbligatorju tad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u tal-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet, l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata minnufih wara li jinħarġu u għalhekk għandhom jiġu stabbiliti intervalli regolari għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni.

(7) L-iskambju awtomatiku obbligatorju tad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u tal-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet għandhom f’kull każ jinkludu komunikazzjoni ta’ sett stabbilit ta’ informazzjoni bażika għall-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni għandha tadotta kull miżura li hemm bżonn biex tistandardizza l-komunikazzjoni ta’ informazzjoni ta' dan it-tip skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 2011/16/KE għall-istabbiliment ta’ formola standard li għandha tintuża għall-iskambju ta’ informazzjoni. Dik il-proċedura għandha tintuża wkoll fl-adozzjoni ta’ kull miżura li hemm bżonn u tal-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-iskambju ta’ informazzjoni.

(8) L-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni bażika li trid tiġi kkomunikata wkoll lill-Kummissjoni. Dan jippermetti lill-Kummissjoni biex f'kull ħin tkun tista' tissorvelja u tevalwa l-applikazzjoni effettiva tal-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet. Komunikazzjoni ta' dan it-tip mhijiex se teżonera lill-ebda Stat Membru mill-obbligi tiegħu li jinnotifika kull għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni.

(9) Il-feedback mingħand l-Istat Membru li jkun qed jirċievi l-informazzjoni lill-Istat Membru li jibgħatha huwa element bżonjuż tat-tħaddim ta’ sistema effettiva ta’ skambju awtomatiku tal-informazzjoni. Huwa għalhekk xieraq li jkun hemm dispożizzjonijiet għall-miżuri li jippermettu l-għoti ta' feedback f’każijiet fejn l-informazzjoni tkun ġiet użata u fejn l-ebda feedback ma jkun jista’ jingħata skont dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2011/16/UE.

(10) Stat Membru għandu jkun jista’ jiddependi fuq l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/16/UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambju ta’ informazzjoni dwar talba biex tinkiseb informazzjoni addizzjonali, inkluż it-test sħiħ tad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri jew tal-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet mill-Istat Membru li jkunu ħarġu deċiżjonijiet jew arranġamenti ta' dan it-tip.

(11) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex iwarrbu kull ostaklu li jista' jfixkel l-iskambju awtomatiku obbligatorju effettiv u l-aktar wiesgħa possibbli ta’ informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri jew l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet.

(12) Sabiex jitjieb l-użu effiċjenti tar-riżorsi, jkun iffaċilitat l-iskambju ta’ informazzjoni u tiġi evitata l-ħtieġa li kull Stat Membru jagħmel żviluppi simili għas-sistemi tagħhom biex tinħażen l-informazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni speċifika għall-istabbiliment ta’ direttorju ċentrali aċċessibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni fejn l-Istati Membri jkunu jistgħu itellgħu u jaħżnu l-informazzjoni minflok ma jiskambjawha permezz tal-email. L-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-istabbiliment ta' direttorju bħal dan għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(13) Meta wieħed jikkunsidra n-natura u l-firxa tat-tibdiliet introdotti bid-Direttiva 2014/107/UE u din id-Direttiva, il-perjodu ta’ żmien għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni, l-istatistika u r-rapporti previst skont id-Direttiva 2011/16/UE għandu jiġi estiż. Estensjoni bħal din għandha tiggarantixxi li l-informazzjoni li trid tingħata tista' tieħu kont tal-esperjenza li tirriżulta minn dawn il-bidliet. L-estensjoni għandha tapplika kemm għall-istatistika u kif ukoll għal informazzjoni oħra li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri qabel l-1 ta’ Lulju 2016 u għar-rapport u, jekk ikun hemm bżonn għall-proposta li trid tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni qabel l-1 ta’ Lulju 2017.

(14) Fid-dawl tal-approċċ inkrimentali li qed tippromwovi d-Direttiva 2011/16/UE, huwa xieraq li jiġu adattati l-limiti ta’ żmien għall-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta’ informazzjoni eżistenti li huma previsti fl-Artikolu 8(1) tad- Direttiva 2011/16/UE sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni disponibbli dwar il-kategoriji tiġi kkomunikata fi żmien disa' xhur wara tmiem is-sena tat-taxxa li għaliha tirreferi.

(15) Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-kunfidenzjalità għandhom jiġu emendati biex jirriflettu l-estensjoni tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta’ informazzjoni għad-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u għall-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet.

(16) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B’mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiggarantixxi rispett totali għad-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali u tal-libertà li wieħed imexxi negozju.

(17) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri skont kondizzjonijiet kompatibbli mat-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda x'aktarx jista', minħabba l-uniformità u l-effikaċja meħtieġa jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, din tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(18) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[14], l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet li jikkorrispondu tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.

(19) Id-Direttiva 2011/16/UE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2011/16/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Punt 9 huwa mibdul b'dan li ġej:

"9. "skambju awtomatiku" tfisser,

(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8a, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), referenza għal informazzjoni disponibbli għandha x'taqsam mal informazzjoni fil-fajls dwar it-taxxa tal-Istat Membru li jkun qed jikkomunika l-informazzjoni, li tista' tiġi rkuprata f'konformità mal-proċeduri għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni f'dak l-Istat Membru.

(b) għall-finijiet tal-Artikolu 8(3a), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel dwar residenti fi Stati Membri oħrajn lill-Istati Membru rilevanti ta' residenza mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Fil-kuntest tal-Artikolu 8(3a), l-Artikolu 8(7a), l-Artikolu 21(2) u l-Artikolu 25(2) u (3) kull terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu skont id-definizzjonijiet korrispondenti stipulati fl-Anness I;

(ċ) għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet kollha minbarra l-Artikolu 8(1), 8(3a) u 8a, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel mogħtija skont il-punti (a) u (b) ta' dan il-punt."

(b) Jiżdiedu l-punti 14, 15 u 16 li ġejjin:

"14. "deċiżjoni antiċipata transfruntiera" tfisser kull ftehim, komunikazzjoni, jew kull strument jew azzjoni oħra b'effetti simili, inkluża deċiżjoni maħruġa fil-kuntest ta' awditu tat-taxxa, li:

(a) tingħata mill-gvern jew f'ismu jew l-awtorità tat-taxxa ta' Stat Membru, jew kull sottodiviżjoni territorjali jew amministrattiva tiegħu, lil xi persuna;

(b) tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' bażi legali jew dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi tal-Istat Membru, jew is-sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tiegħu;

[14] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14

(ċ) għandha x'taqsam ma' tranżazzjoni transfruntiera jew mal-kwistjoni dwar jekk l-attivitajiet imwettqa minn persuna ġuridika fi Stat Membru ieħor joħolqux stabbiliment permanenti jew le, u;

(d) li ssir b'mod antiċipat għat-tranżazzjonijiet jew għall-attivitajiet fl-Istat Membru l-ieħor li potenzjalment joħolqu stabbiliment permanenti jew l-arkivjar ta' dikjarazzjoni tat-taxxa li tkopri l-perjodu li fih it-tranżazzjoni jew is-sensiela ta' tranżazzjonijiet jew attivitajiet ikunu seħħew.

It-tranżazzjonijiet transfruntiera jistgħu jinvolvu t-twettiq ta' investimenti, il-provvista ta' prodotti, servizzi, finanzi jew l-użu ta' assi tanġibbli jew intanġibbli, iżda mhumiex ristretti għal dawn biss u jistgħu ma jinvolvux direttament lill-persuna li tirċievi deċiżjoni antiċipata transfruntiera.

15. "arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet" tfisser kull ftehim, komunikazzjoni jew kull strument jew azzjoni oħra b'effetti simili, inkluż wieħed maħruġ fil-kuntest ta' awditu fiskali, mogħti mill-gvern jew l-awtorità tat-taxxa ta' Stat Membru wieħed jew aktar jew f'isimhom, inkluż kull sottodiviżjoni territorjali jew amministrattiva tiegħu, lil kull persuna li tistabbilixxi minn qabel it-tranżazzjonijiet transfruntieri bejn intrapriżi assoċjati, sett xieraq ta' kriterji għall-istabbiliment tal-ipprezzar ta' trasferiment għal dawk it-tranżazzjonijiet jew tistabbilixxi l-attribuzzjoni tal-profitti għal stabbiliment permanenti.

L-intrapriżi huma intrapriżi assoċjati meta intrapriża waħda li tipparteċipa direttament jew indirettament fl-immaniġġjar, il-kontroll jew il-kapital ta' intrapriża oħra jew l-istess persuni jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fit-tmexxija, fil-kontroll jew fil-kapital tal-intrapriżi.

Il-prezzijiet tat-trasferiment huma l-prezzijiet li bihom intrapriża tittrasferixxi prodotti fiżiċi u proprjetà intanġibbli jew tipprovdi servizzi lil impriżi assoċjati, u "l-ipprezzar ta' trasferimenti" għandu jiġi interpretat skont dan:

16. Għall-fini tal-punt 14 "tranżazzjoni transfruntiera" tfisser tranżazzjoni jew sensiela ta' tranżazzjonijiet fejn:

(a) mhux il-partijiet kollha fit-tranżazzjoni jew fis-sensiela ta' tranżazzjonijiet huma residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Istat Membru li jagħti d-deċiżjonijiet antiċipata transfruntiera, jew;

(b) kull waħda mill-partijiet fit-tranżazzjoni jew fis-sensiela ta' tranżazzjonijiet huwa simultanjament residenti għal skopijiet ta' taxxa f'aktar minn territorju wieħed, jew;

(ċ) waħda mill-partijiet fit-tranżazzjoni jew is-sensiela ta' tranżazzjonijiet topera negozju fi Stat Membru ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti u t-tranżazzjoni jew is-sensiela ta' tranżazzjonijiet jifformaw parti jew it-totalità tan-negozju tal-istabbiliment permanenti. Tranżazzjoni transfruntiera jew serje ta' tranżazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll arranġamenti magħmula minn persuna ġuridika waħda fir-rigward ta' attivitajiet ta' negozju fi Stat Membru ieħor li dik il-persuna twettaq permezz ta' stabbiliment permanenti.

Għall-fini tal-paragrafu 15 "tranżazzjoni transfruntiera" tfisser tranżazzjoni jew serje ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu intrapriżi assoċjati li mhux kollha huma residenti għall-finijiet tat-taxxa fit-territorju ta' Stat Membru wieħed."

(2) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 4 u 5 huma mħassra.

(b) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"6. Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni għandha ssir skont kif ġej:

(a) għall-kategoriji stabbiliti fil-paragrafu 1; mill-inqas darba fis-sena, fi żmien disa' xhur wara tmiem is-sena tat-taxxa tal-Istat Membru li għaliha tirrelata l-informazzjoni;

(b) għall-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 3a: annwalment, fi żmien disa' xhur wara tmiem is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtar adatt ieħor li għalih tirrelata l-informazzjoni.”

(3) L-Artikoli 8a u 8b li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

"Artikolu 8a

Kamp ta' applikazzjoni u kondizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta’ informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet

1. L-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru li joħroġ jew li jemenda deċiżjoni antiċipata transfruntiera jew arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva għandha, permezz tal-iskambju awtomatiku, tikkomunika l-informazzjoni dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea.

2. L-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru għandha wkoll tikkomunika informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea dwar id-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri jew arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet maħruġa fi żmien perjodu li jibda għaxar snin qabel id-dħul fis-seħħ iżda li għadhom validi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva;

3. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika f’każ fejn deċiżjoni antiċipata transfruntiera tikkonċerna esklussivament persuna fiżika waħda jew aktar u tinvolvi l-affarijiet tat-taxxa.

4. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir kif ġej:

(a) f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni skambjata skont il-paragrafu 1: fi żmien xahar wara tmiem il-perjodu ta’ tliet xhur li matulu d-deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri jew l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet ġew maħruġa jew ġew emendati.

(b) f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni skambjata skont il-paragrafu 2: qabel il-31 ta’ Diċembru 2016;

5. L-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata minn Stat Membru skont dan l-Artikolu għandha mill-inqas tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni ta’ min iħallas it-taxxa u, fejn xieraq, il-grupp ta’ kumpaniji li għalih jappartjeni;

(b) il-kontenut tad-deċiżjoni antiċipata transfruntiera jew l-arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet, inkluża deskrizzjoni tal-attivitajiet rilevanti tan-negozju jew it-tranżazzjonijiet jew is-sensiela ta’ tranżazzjonijiet;

(c) id-deskrizzjoni tas-sett ta’ kriterji użati biex jiġi stabbilit l-ipprezzar ta’ trasferiment jew il-prezz tat-trasferiment innifsu fil-każ ta’ arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet;

(d) l-identifikazzjoni tal-Istati Membri oħra li x'aktarx ikunu kkonċernati direttament jew indirettament bid-deċiżjoni antiċipata transfruntiera u bl-arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet;

(e) l-identifikazzjoni ta' kull persuna, għajr persuna naturali, fl-Istati Membri l-oħra li x'aktarx ikunu affettwati direttament jew indirettament bid-deċiżjoni antiċipata transfruntiera u bl-arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet (fejn għandu jiġi indikat ma' liema Stat Membru il-persuni milquta huma marbuta).

6. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju, il-Kummissjoni għandha tadotta kull miżura u arranġament prattiku meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi miżuri biex jiġu standardizzati l-komunikazzjoni tal-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, bħala parti mill-proċedura li tistabbilixxi l-formola standard prevista fl-Artikolu 20(5).

7. L-awtorità kompetenti li lilha tiġi kkomunikata l-informazzjoni skont l-Artikolu 1 għandha tikkonferma b'mod immedjat, jekk possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, il-wasla tal-informazzjoni lill-awtorità kompetenti li tkun bagħtet l-informazzjoni u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sebat ijiem ta' ħidma wara l-wasla.

8. L-Istati Membri jistgħu, skont l- Artikolu 5, jitolbu informazzjoni addizzjonali, inkluż it-test sħiħ tad-deċiżjoni antiċipata transfruntiera jew tal-arranġament antiċipat dwar il-prezzijiet, mill-Istat Membru li jkun ħariġhom.

9. L-Artikolu 17(4) m'għandux japplika għal informazzjoni skambjata skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8b

Statistika dwar skambji awtomatiċi

1. Qabel l-1 ta' Ottubru 2017, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni fuq bażi annwali bi statistika dwar il-volum ta' skambji awtomatiċi skont l-Artikoli 8 u 8a u, sa fejn ikun possibbli, b'informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji amministrattivi u oħrajn rilevanti relatati mal-iskambji li jkunu seħħew u kull bidla potenzjali oħra, kemm għall-amministrazzjonijiet fiskali kif ukoll għall-partijiet terzi.

2. Qabel l-1 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jagħti ħarsa ġenerali u valutazzjoni tal-istatistika u l-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dwar kwistjonijiet bħall-ispejjeż amministrattivi u oħrajn rilevanti u l-benefiċċji tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, kif ukoll aspetti prattiċi marbuta ma' dan. Jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill rigward il-kategoriji ta' dħul u ta' kapital u/jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1), inkluża l-kondizzjoni li l-informazzjoni li tikkonċerna lil residenti fi Stati Membri oħra trid tkun disponibbli."

(4) Fl-Artikolu 14, għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta Stat Membru jagħmel użu minn xi informazzjoni kkomunikata minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 8a, huwa għandu jibgħat feedback dwar dan lill-awtorità kompetenti li tkun tat l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-eżitu tal-użu tal-informazzjoni mitluba jkun magħruf, għajr jekk il-feedback ikun diġà ngħata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-arranġamenti prattiċi f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2)."

(5) Fl-Artikolu 20, għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni dwar deċiżjonijiet antiċipati transfruntieri u l-arranġamenti antiċipati dwar il-prezzijiet skont l-Artikolu 8a għandu jsir bl-użu ta’ formola standard ladarba dik il-forma tkun ġiet adottata mill-Kummissjoni f’konformità mal-proċedura msemmija fl- Artikolu 26(2).”

(6) Fl-Artikolu 21, għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa sistema sigura ta’ direttorju ċentrali fejn l-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata fil-qafas tal-Artikolu 8a ta’ din id-Direttiva tista' tiġi rreġistrata sabiex tissodisfa l-iskambju awtomatiku previst fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 8a. Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni rreġistrata f’dan id-direttorju. L-arranġamenti prattiċi meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2)."

(7) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragarafu 3 huwa sostitwit bi:

"3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni valutazzjoni annwali dwar l-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 8 u fl-Artikolu 8a kif ukoll ir-riżultati prattiċi miksuba. Il-forma u l-kondizzjonijiet ta' komunikazzjoni ta' dik il-valutazzjoni annwali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2)."

(b) Il-paragrafi 5 u 6 huma mħassra.

(8) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 23a li ġej:

"Artikolu 23a

Kunfidenzjalità tat-tagħrif

1. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni skont din id-Direttiva trid tibqa' kunfidenzjali skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-awtoritajiet tal-Unjoni.

2. Informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru skont l-Artikolu 23, kif ukoll kull rapport jew dokument prodott mill-Kummissjoni bl-użu ta' tali informazzjoni, jistgħu jiġu trasmessi lil Stati Membri oħrajn. Tali informazzjoni trasmessa għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jkun irċeviha.

Ir-rapporti u d-dokumenti prodotti mill-Kummissjoni msemmijin fl-ewwel subparagarafu jistgħu jintużaw biss mill-Istati Membri għal skopijiet analitiċi, iżda m'għandhomx jiġu ppubblikati jew ikunu disponibbli għal kull persuna jew korp ieħor mingħajr il-qbil espliċitu tal-Kummissjoni."

(9) Fl-Artikolu 25, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 japplika għal kull proċessar ta’ dejta personali skont din id-Direttiva mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Madankollu, għall-fini tal-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva, il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u d-drittijiet previsti fl-Artikolu 11, l-Artikolu 12(1), l-Artikoli 13 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 huwa ristrett għal dak li hemm bżonn biss sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi msemmija fl-Artikolu 20(1)(b) ta' dak ir-Regolament."

Artikolu 2

1. Sa mhux iktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2015, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2016.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir referenza ta' dan it-tip.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/metodi ta' mmaniġġjar previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar dak li għandu x'jaqsam mal-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[15]

14 14.03

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[16]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. Għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 jelenka fost il-prijoritajiet tiegħu l-prijorità dwar Approċċ Aktar Ġust għat-Tassazzjoni. Din il-prijorità tinkludi li għandu jiġi żgurat "l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni fuq id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa" illi huwa proprju l-għan ta' din il-proposta.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati

<u>Għan speċifiku</u> L-objettiv speċifiku tal-programm FISCALIS huwa li jappoġġja l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni billi jiżgura l-iskambju ta' informazzjoni, billi jappoġġja l-kooperazzjoni amministrattiva u fejn hemm bżonn, billi jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi parteċipanti bil-għan li dan jgħin fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tat-taxxa u l-ispejjeż tal-konformità għall-kontribwenti. <u>Attività/ajiet konċernata/i ABM/ABB</u> ABB 3

15 ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
16 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

L-ewwel nett, l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fuq id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa se jfisser li l-Istati Membri kollha se jkunu jistgħu jivvalutaw b'mod xieraq jekk id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa ta' Stat Membru ieħor humiex se jħallu impatt fuqhom (anki jekk mhux b'mod intenzjonat) u humiex se jkunu kapaċi jirreaġixxu skont dan.

It-tieni nett, il-fatt li hemm aktar trasparenza fid-deċiżjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-taxxa għandu joħloq inċentiv ikbar biex ikun żgurat li l-kompetizzjoni tat-taxxa ssir aktar ġusta. Skambju awtomatiku ta' informazzjoni fuq id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa jista' wkoll jiskoraġġixxi lill-kumpaniji milli jwettqu ippjanar aggressiv tat-taxxa abbażi tad-deċiżjonijiet dwar it-taxxa, peress li l-Istati Membri l-oħra issa se jkollhom l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw u jirreaġixxu għall-arranġamenti artifiċjali u għax-xaqlib tal-profitti.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Il-proposta se tkun irregolata bir-rekwiżiti tad-Direttiva li hija se tkun qed temenda (jiġifieri d-Direttiva 2011/16) għal i) l-għoti mill-Istati Membri fuq bażi annwali ta' statistika ta' skambju ta' informazzjoni, għal ii) il-preżentazzjoni ta' rapport mill-Kummissjoni abbażi ta' dik l-istatistika, u għal iii) l-għoti mill-Istati Membri fuq bażi annwali ta' evalwazzjoni tal-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Filwaqt li, skont id-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (2011/16), hemm rekwiżit li Stat Membru li joħroġ deċiżjoni dwar it-taxxa għandu jiżvela l-informazzjoni lil kull Stat Membru ieħor ikkonċernat, id-deċiżjoni dwar liema Stati Membri jistgħu ikunu kkonċernati b'din l-informazzjoni tibqa' dejjem f'idejn l-Istat Membru li joħroġ id-deċiżjoni. Minkejja dan, l-Istat Membru li joħroġ id-digriet jista' jkun li mhux dejjem ikun f'pożizzjoni li jkun jaf liema Stati Membri oħra jistgħu jiġu milquta. Barra minn hekk, bħalissa hemm diversi eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' divulgazzjoni. Permezz ta' din il-proposta Stat Membru li joħroġ id-deċiżjonijiet se jkun mitlub li jagħti informazzjoni b'mod awtomatiku lill-Istati Membri l-oħra kollha, b'tali mod li d-deċiżjoni dwar ir-rilevanza tal-informazzjoni se ssir mill-Istat li jkun qed jirċievi aktar milli mill-Istat Membru emittenti, u dan se jelimina l-eżenzjonijiet attwali mir-rekwiżit ta' divulgazzjoni.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Jista' jkun li l-Istati Membri li jaġixxu individwalment ma jkunux kapaċi jiksbu informazzjoni sħiħa dwar id-deċiżjonijiet maħruġa minn Stati Membri oħra anke meta dawk id-deċiżjonijiet jikkonċernaw il-bażi tat-taxxa tagħhom. Approċċ vinkolanti tal-UE huwa l-uniku mod biex tiġi żgurata t-trasparenza u l-kooperazzjoni sħiħa f'din il-kwistjoni.

1.5.3. *Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-approċċ attwali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet li mhuwiex awtomatiku, s'issa, għadu ma rriżultax fi trasparenza f'dan il-qasam. Attwalment,

ċerti kontribwenti qed jieħdu vantaġġ min-nuqqas ta' trasparenza biex jistabbilixxu strutturi li jxaqilbu l-profitti lejn pajjiżi b'taxxa baxxa, li jistgħu ma jkunux il-pajjiżi fejn l-attivitajiet ekonomiċi li jiġġeneraw il-profitti huma mwettqa u fejn jinħoloq il-valur. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa li japplika f'oqsma tat-taxxa oħrajn, bħad-dħul mit-tfaddil, wassal għal riżultati tajbin. Skambju awtomatiku issa huwa aċċettat globalment bħala l-aħjar għodda disponibbli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa biex huma jindirizzaw l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa.

1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti oħrajn rilevanti*

Peress li l-proposta hija maħsuba biex temenda d-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (2011/16), il-proċeduri, l-arranġamenti u l-għodod tal-IT li diġà huma stabbiliti jew li qed jiġu żviluppati skont dik id-Direttiva se jkunu disponibbli biex jintużaw għall-finijiet ta' din il-proposta.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta’ **tul ta’ żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal- SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul taż-żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,

– Il-proposta tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2016.

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/metodi ta’ ġestjoni previst(i)[17]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
il-programm Fiscalis 2020 huwa ġestit b'mod dirett

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu ddelegati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li huma nnominaw;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata li l-missjoni tas-servizz pubbliku tagħhom tkun li huma jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta’ Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta’ sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta’ ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima “Kummenti”.*

Kummenti

M'huwa se jinbidel xejn skont din il-proposta f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni. Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/16, il-Kummissjoni, permezz tal-komitoloġija, flimkien mal-Istati Membri, tiżviluppa l-formoli standardizzati u l-formati għall-iskambju ta’ informazzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam man-netwerk CCN li hemm bżonn biex isir l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni hija responsabbli għal kull żvilupp tan-netwerk CCN li hemm bżonn biex isir l-iskambju ta’ dik l-informazzjoni filwaqt

[17] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

li l-Istati Membri huma responsabbli għal kull żvilupp tas-sistemi tagħhom li hemm bżonn biex l-informazzjoni tiġi skambjata permezz tan-netwerk CCN.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.

Skont il-programm FISCALIS, il-monitoraġġ u r-rappurtar huma ttrattati kif ġej...

L-attivitajiet ta' tħejjija li hemm bżonn għal din l-inizjattiva u l-azzjonijiet konġunti oħra u l-attivitajiet ta' taħriġ komuni huma mmonitorjati regolarment permezz tal-kontributi miġbura mingħand il-parteċipanti u l-maniġers tal-azzjoni. Il-kontributi jinġabru permezz ta' formoli standardizzati u flussi li jinstabu fl-indikaturi stabbiliti fil-qafas ta' kejl tal-prestazzjoni tal-programm FISCALIS 2020 (PMF). Infiq ieħor relatat mal-iskambju ta' informazzjoni huwa mmonitorjat skont il-mekkaniżmu deskritt fit-taqsima 1.4.4 u wkoll ikkonsolidat skont il-PMF.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskji potenzjali għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva bl-appoġġ ta' Fiscalis 2020 huma relatati ma':

L-implimentazzjoni tal-ftehim ta' għotja ffirmat mal-konsorzju tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Kandidati.

L-implimentazzjoni tal-kuntratti ta' akkwist konklużi skont il-programm.

2.2.2. Tagħrif li jikkonċerna l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern

L-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern huwa identiku għal Programm Fiscalis 2020, li se jkopru l-ispejjeż operattivi kollha tal-inizjattiva.

L-elementi ewlenin tal-istrateġija ta' kontroll applikata huma:

Għall-kuntratti ta' akkwist:

L-applikazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll għal akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju. Kull kuntratt ta' akkwist jiġi stabbilit wara l-proċedura stabbilita ta' verifika mis-servizzi tal-Kummissjoni għal ħlas, b'kunsiderazzjoni tal-obbligi kuntrattwali u l-ġestjoni finanzjarja u ġenerali soda. Miżuri kontra l-frodi (kontrolli, rapporti, eċċ) huma previsti fil-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji. It-termini dettaljati ta' referenza jiġu abbozzati u jiffurmaw il-bażi ta' kull kuntratt speċifiku. Il-proċess ta' aċċettazzjoni jsegwi b'mod rigoruż il-metodoloġija TAXUD TEMPO: ir-riżultati jiġu riveduti, jekk ikun meħtieġ emendati u finalment aċċettati (jew miċħuda) b'mod espliċitu. Ma tista' titħallas l-ebda fattura mingħajr "ittra ta' aċċettazzjoni".

Verifika teknika għal akkwist

Id-DĠ TAXUD iwettaq kontrolli fuq ir-riżultati u jissorvelja l-operat u s-servizzi mwettqa mill-kuntratturi. Iwettaq ukoll verifiki tal-kwalità u s-sigurtà tal-kuntratturi tagħhom fuq bażi regolari. L-awditi tal-kwalità jivverifikaw il-konformità tal-proċessi effettivi tal-kuntratturi mar-regoli u l-proċeduri ddefiniti fil-pjanijiet ta' kwalità tagħhom. L-awditi tas-sigurtà jiffukaw fuq il-proċessi speċifiċi, il-proċeduri u l-istabbiliment.

Minbarra l-kontrolli ta' hawn fuq, id-DĠ TAXUD iwettaq il-kontrolli finanzjarji tradizzjonali:

Verifiki *ex-ante* tal-impenji:

L-impenji kollha fid-DĠ TAXUD jiġu verifikati mill-kap tal-Unità tal-HR u l-Finanzi. B'riżultat ta' dan, 100 % tal-ammonti impenjati jiġu koperti mill-verifika *ex-ante*. Il-proċedura tagħti livell għoli ta' garanzija dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

Verifika *ex-ante* tal-ħlasijiet:

100 % ta' ħlasitjiet huma vverifikati *ex-ante*. Mill-inqas ħlas wieħed (mill-kategoriji kollha ta' infiq) kull ġimgħa jintgħażel b'mod aleatorju għal verifika *ex-ante* mwettqa mill-kap tal-Unità tal-HR u tal-Finanzi. Ma hemm l-ebda mira għal dak li jirrigwarda l-kopertura, billi l-għan ta' din il-verifika huwa l-iċċekkjar "aleatorju" tal-ħlasijiet sabiex jiġi verifikat li l-ħlasijiet kollha jkunu preparati f'konformità mar-rekwiżiti. Il-ħlasijiet li jifdal jiġu pproċessati skont ir-regoli fis-seħħ fuq bażi ta' kuljum.

Dikjarazzjonijiet tal-AOSD:

L-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni b'Sottodelegazzjoni kollha jiffirmaw dikjarazzjonijiet li jappoġġjaw ir-Rapport tal-Attività Annwali għas-sena kkonċernata. Dawn id-dikjarazzjonijiet ikopru l-operazzjonijiet skont il-programm. L-AOSD jiddikjaraw li l-operazzjonijiet konnessi mal-implimentazzjoni tal-baġit ikunu twettqu skont il-prinċpji tal-ġestjoni finanzjarja soda, li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jkunu pprovdew garanzija sodisfaċenti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li r-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet ikunu ġew identifikati u rraportati tajjeb u li l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni jkunu ġew implimentati.

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Il-kontrolli stabbiliti jippermettu li d-DĠ TAXUD ikollu garanzija biżżejjed tal-kwalità u tar-regolarità tal-infiq u jnaqqsu r-riskji ta' nonkonformità. Il-miżuri tal-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq inaqqsu r-riskji potenzjali taħt il-mira ta' 2% u l-istrateġija tilħaq lill-benefiċjarji kollha. Kull miżura addizzjonali għal iżjed tnaqqis ta' riskji tista' tirriżulta fi spejjeż għolja b'mod sproporzjonat u għalhekk ma hemm l-ebda miżura oħra bħal din prevista.

L-ispejjeż ġenerali involuti sabiex tiġi implimentata l-istrateġija ta' kontroll t'hawn fuq — għall-infiq kollu skont il-programm Fiscalis 2020 — huma limitati għal 1.6 % tat-total tal-ħlasijiet magħmula. Dan il-proporzjon mhuwiex mistenni li jinbidel għal din l-inizjattiva.

Huwa kkunsidrat li l-programm tal-istrateġija ta' kontroll b'mod effiċjenti jillimita r-riskju tan-nonkonformità għal pratikament żero u huwa wkoll proporzjonat mar-riskji involuti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fil-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 (2) bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi tip ta' attività irregolari oħra li

tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt li jkun jikkonċerna finanzjament skont dan ir-Regolament.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti — kompletament koperti mill-programm Fiscalis 2020

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru1A Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	Diff./mhux-diff[18].	mill-pajjiżi tal-EFTA[19]	mill-pajjiżi kandidati[20]	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	14.0301 (It-titjib tat-tħaddim tajjeb tas-sistemi ta' tassazzjoni)	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru[Intestatura………………………………………..]	Diff./mhux-diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

18 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
19 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
20 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-dejta tal-baġit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness għal din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u mtella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

L-applikazzjonijiet imsemmija hawn taħt huma inklużi fil-pakkett finanzjarju tal-programm FISCALIS 2020. L-ebda approprjazzjonijiet addizzjonali mhuma se jkunu meħtieġa

EUR Miljuni (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	1A Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi

DĠ: TAXUD			Sena **2016**[21]	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	**2020**			**L-AMMONT TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja baġitarja 14.0301	Impenji	(1)	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200			2100
	Ħlasijiet	(2)	0.000	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200		2100
Numru tal-linja tal-baġit	Impenji	(1a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
	Ħlasijiet	(2 a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[22]			p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
Numru tal-linja tal-baġit		(3)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
TOTAL tal-approprazzjonijiet	Impenji	=1+1a +3	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200			2100

21 Is-Sena 2016 hija s-sena li fiha l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva tibda.

22 L-assistenza teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

għad-DĠ TAXUD	Ħlasijiet	=2+2a +3	0.000	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200		2100

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200			2100
	Ħlasijiet	(5)	0.000	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200		2100
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
TOTAL tal-approprazzjonijiet skont l-INTESTATURA 1A tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200			2100
	Ħlasijiet	=5+ 6	0.000	0.300	1.000	0.400	0.200	0.200		2100

Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
	Ħlasijiet	(5)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
TOTAL tal-approprazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
	Ħlasijiet	=5+ 6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

EUR Miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena **2016**	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**			**L-AMMONT TOTALI**
DĠ: TAXUD									
• Riżorsi umani		0.528	0.528	0.528	0.528	0.528			
• Infiq amministrattiv ieħor		0.030	0.030	0.030	0.030	0.030			
TOTALI tad-DĠ TAXUD	Approprjazzjonijiet	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			

TOTAL tal-approprazzjonijiet skont INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Ħlasijiet totali)	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			

EUR Miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena **2016**[23]	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**			**L-AMMONT TOTALI**
TOTAL tal-approprazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.858	1.558	0.958	0.758	0.758			
	Ħlasijiet	0.558	0.858	1.558	0.958	0.758			

[23] Is-Sena 2016 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f’miljuni ta’ Euro (sa tliet punti deċimali)

Indika objettivi u prestazzjonijiet ⇩			Sena **2016**		Sena **2017**		Sena **2018**		Sena **2019**		2020						**L-AMMONT TOTALI**	
	RIŻULTATI (outputs)																	
	Tip[24]	Spiża Medja	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 1[25]...																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
SPEJJEŻ TOTALI																		

24 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu forniti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

25 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan (għanijiet speċifiku (speċifiċi) …".

NOTA

Ir-riżultat pożittiv antiċipat ta' din il-proposta huwa li i) jekk l-Istati Membri se jibdew jirċievu informazzjoni dwar deċiżjonijiet tat-taxxa f'pajjiżi oħra huma issa se jkunu f'pożizzjoni infurmata biex japplikaw kontromiżuri kif jidhrilhom li huwa xieraq; ii) il-pubbliku ġenerali jista' jqis il-miżura bħala pass attiv biex ikun żgurat li l-kontribwenti kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxi; iii) il-pressjoni mill-pari tista' ġġiegħel lill-Istati Membri jimmodifikaw il-prattiki li bihom huma joħorġu d-deċiżjonijiet tagħhom; iv) il-kumpaniji jistgħu jillimitaw l-istrutturi tagħhom ta' ippjanar aggressiv tat-taxxa. Filwaqt li l-Istati Membri li joħorġu d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa se jkollhom piż amministrattiv miżjud u spejjeż ta' konformità direttament marbutin mal-provvista tal-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet, dawn l-ispejjeż huma mistennija li jkunu limitati meta wieħed iqis in-natura limitata tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta. Barra minn hekk, l-informazzjoni għandha tkun ġiet ipprovduta diġà (jiġifieri l-proposta fil-biċċa l-kbira sempliċement tiċċara u tikkonferma l-obbligi eżistenti ta' skambju ta' informazzjoni).

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR Miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena 2016[26]	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	2020			L-AMMONT TOTALI
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.528	0.528	0.528	0.528	0.528			
Infiq amministrattiv ieħor	0.030	0.030	0.030	0.030	0.030			
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			
'L Barra mill-INTESTATURA 5[27] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal 'l Barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju								

26 Is-Sena 2016 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva

27 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

pluriennali								

L-AMMONT TOTALI	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u spejjeż oħrajn ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati minn approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati lill-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew kienu riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizjonali li tista' tkun mogħtija lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-baġit.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f’unitajiet ekwivalenti għal full time

		Sena **2016**	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	2020		
• **Karigi fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)**								
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)		4	4	4	4	4		
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	.
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	.
10 01 05 01 (Riċerka diretta)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	
• **Persunal estern (Ekwivalenti għal unità Full-Time: fl-FTE)**[28]								
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-‘envelopp globali’)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	
XX 01 04 **ss** [29]	- fil-Kwartieri Ġenerali	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
	- fid-Delegazzjonijiet	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	
XX 01 05 02 (AC, END, INT -		p.m.	p.m.	p.m.	p.	p		m

[28] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

[29] Sublimitu massimu, għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

Riċerka indiretta)				m.	. m .		.
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)	p.m.	p.m.	p.m.	p. m.	p . m .		
Linji tal-baġit oħrajn (speċifika)	p.m.	p.m.	p.m.	p. m.	p . m .		
L-AMMONT TOTALI	4	4	4	4	4		

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Preparazzjoni ta' laqgħat u korrispondenza mal-Istati Membri; (jiddependi fuq id-diskussjonijiet mal-Istati Membri) ħidma fuq il-formoli, il-formati tal-IT u d-direttorju ċentrali; l-ikkummissjonar ta' kuntratturi esterni biex jagħmlu x-xogħol fuq sistema tal-IT
Persunal estern	Mhux Applikabbli

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ser teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament mingħand terzi persuni.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR Miljuni (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva[30]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu ….								

Għal dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/linji tan-nefqa tal-baġit affettwat(i).

Ispeċifika l-metodu għall-kalkulazzjoni tal-impatt fuq id-dħul.

30 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għal spejjeż ta' ġbir.